## Talba

Carmel Calleja

Mulej, madwari,
tellajt, dawwart
swar qawwija u għoljin,
'mma ħallejt
selħa waħda,
... forsi għalik ...
biex meta trid
tattakka,
tassalta,
u tidħol rebbieħ.
... Jew forsi ġa ġewwa
bħaż-żiemel astratt
ta' Trojja?

## Arzella ċkejkna

Ġorġ Borg

Meta kont għadni
arzella ċkejkna
qalb il-ħaxix ifuħ

kemm drabi kont il-qoxra
niftaħ u nagħlaq
quddiem il-ħut żagħżugħ.

U x'gost kien jixgħel fija
xħin ħuta tersaq ftit—
ħuta li ġġagħ'lni noħlom
il-ħolm li nkun irrid.

## Niġi lura

Ġorġ Borg

Meta nerġa' niġi lura
nibqa' nfittex il-pjaċir
illi jħoss għasfur tal-bejta
għax għasfur jien għad insir.

Niġi lura .. u ntir b'ħeffa
lejn is-siġra tar-rummien
insib frotta u ntaqqabha
u bil-gost insoffha jien.



## dal-ġranet twal mingħajrek ... philip

Doreen Micallef-Chritien

hemm stilla żgħira mċajpra
u biċċa qamar isfar

il-karozza wara l-bieb
fejn int moħbi fis-silenzju

għaddew id-disa' snin
u l-kurċifiss baqa' stirat fuq il-ħajt
bla tweġiba

il-lejla ndomm kullana
kull stallett li qlajt ġo qalbi

il-lejla qamar ġdid
u suppost id-demm jieqaf iqattar

nimxi miegħek fuq it-trab u fuq il-ġebel
flimkien ma' l-oħrajn morna bħal mogħoż
għal kongregazzjoni

fl-estasi taċ-ċwieċ
tlajt immiss is-sema
għax kelli lilek fuq il-lemin

*(I'll be coming home*
*wait for me ...)*

int
il-ħalliel kwiet tisraq bil-mod il-ġawhar żverġnati
li noqgħod indomm jien
taħt is-siġar taż-żebbuġ

għaddew id-disa' snin
u l-lejla jitla' l-qamar

l-ewwel qamar ġdid u l-ewwel minutieri
l-ewwel ċelloli differenti kometi ġodda
f'dal-baħħ jistenna l-bidu
f'dax-xejn jistenna t-tmiem
f'dal-vojt jistenna lilek.